MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Numru. 555/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J Borg**
**Spettur Johann J Fenech**

**VS**

**Freddie Delia, iben Alfred u Catherine nee' Camilleri, imwieled Tal Pieta' nhar l-20 ta' April, 1978, residenti nurmu 28, Triq id-Dejqa, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 207978M;**
**U Rodrick Delia, iben Alfred u Catherine nee' Camilleri, imwieled Tal Pieta' nhar it-13 ta' Marzu, 1981, residenti fil-fond numru 28, Triq id-Dejqa, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 158681M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Freddie Delia** u **Rodrick Delia** li gew akkuzati talli:

**Freddie Delia wahdu**, f’dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Frar, 2010 u l-1 ta’ Marzu, 2010:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga (eroina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta’ Gunju, 2010, kellu fil-pussess tieghu d-droga (kokaina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-

pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eklussiv tieghu;

Lil **<u>Rodrick Delia wahdu</u>** talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn is-27 ta' Frar, 2009 u l-1 ta' Gunju, 2010:

c. Forna jew prokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmfanittura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli **Freddie Delia u Rodrick Delia flimkien**, nhar l-1 ta' Gunju, 2010 u fit-tlitt snin ta' qabel, ghamlu att ta' money laundering billi:

i. Ikkonvertaw jew trasferixxew proprjeta' meta kienu jafu li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-

proprjeta’ jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f’attivita’ kriminali, u/jew;

ii. Hbew jew urew haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta’, meta kienu jafu li dik il-proprjeta’ kienet inkisbet direttament jew indireattamente minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali u/jew;

iii. Akkwistaw proprjeta’ meta kienu jafu li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali, u/jew;

iv. Zammew minghajr skuza ragonevoli proprjeta’ meta kienu jafu li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali, u/jew

v. Ittentaw hekk kif imsiffer fl-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq l-imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii, u iv);

vi. U aktar talli rrendew ruhhom komplici hekk kif imfisser fl-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, taghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii, iii, u iv).

f. U fl-ahharnett tallli b’hekk irrendew ruhhom recicivi b’diversi sentenzi moghtija lilhom minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi z-zewg imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-istess;

Rat ghalhekk l-Ordni tal-Avukat Generali kemm taht il-Kapitolu 101 u dak taht il-Kapitolu 373 – ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjalament biex jigu determinati l-akkuzi, ix-xhieda kollha Lilha prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi a priori jinghad illi f'dawn il-proceduri gew ezebiti diversi xhieda guramentati quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Fil-fatt meta mressqa biex jixhdu fl-Istruttorja, l-istess persuni koncernati kienu fil-bidu ghazlu li ma jiddeponux biex ma jinkriminawx lilhom infushom, ghalkemm izjed tard tressqu biex jiddeponu. Il-kontenut tax-xhieda taghhom ser tigi trattata fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proceduri.

Fil-fatt din il-kawza giet instigata, kif jigri solitament, minn investigazzjoni tal-pulizija.
Qal l-**Ispettur Victor Aquilina**, illi meta l-Ispettur Johann Zammit kien qed jinvestiga lil certu Mark Anthony Ellul, dan semma li kien qed jixtri droga minghand certu Rodrick maghruf bhala l-Pajpaj.
Kienu f'dan ir-rigward anke gguramentaw l-istqarrijiet taghhom ukoll certu Oscar Cassar u Rodney Fenech, skondthom xtraw id-droga minghand dan Rodrick il-Pajpaj. Qal illi tkompliet l-investigazzjoni meta l-Ispettur Jesmond Borg ha stqarrija ta' certu Mark Cassar fejn dan spjega l-istess dwar ix-xiri - anke din l-istqarrija giet guramentata.
Qal illi kienu qed isiru diversi osservazzjonijiet fuq ir-residenza ta' dan Freddie l-Pajpaj, ghalhekk fl-1 ta' Gunju, 2010, xi pulizija raw lil Rodrick Delia hiereg mill-Pajero CGV021 u ltaqa' ma' persuna vicin il-fabbrika ta' Bulebel.

Segwewh. Rawh jghaddi xi haga lil din il-persuna. Arrestaw aktar tard lil certu Duranovic Coreschi li bela' dak li kellu f'idu, pero anke dan f'xhieda guramentata kkonferma li kien xtara droga minghand Rodrick il-Pajpaj u taghha hallas ghoxrin Ewro (€20).

Qal illi waqt l-osservazzjoni fuq ir-residenza ta' Freddie, raw hiereg, meta harget martu tiknes, arrestaw lilha. Hi bdiet tghajjat u ghalhekk ftit wara deher rega' lura Fredide. Rega' dahal god-dar u beda jghid id-diskors "*Hawn qieghda!*" "*....mhux ser tohduha!*", u kliem iehor baxxx u ta' sfida lejn il-pulizija.

Qallhom ukoll hin wara, illi setghu jidhlu jfittxu ghax kien hareg kollox, anke l-mizien. Dwar is-CCTV gor-residenza ta' Freddie, l-Ispettur Aquilina qal illi dan qallhom illi dak ma kinx jirrekordja biex b'hekk ma jsibux in-nies u jaghmlulu statement bir-recording, anzi CCTV kien ghamlu biss ghall-pulizija.

Qal illi hu ha l-istqarrijiet ta' Rodrick – Dok VA; ha l-istqarrija ta' huh Freddie ezebita bhala Dok VA1; ezebixxa wkoll ricevuta ta' flus ghall-ammont ta' tliet mija u tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€382.20) li ha minghand Rodrick Delia; Nokia mobile phone bis-SIM card ezebit bhala Dok VA2. Ezebixxa wkoll formalment vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni PAJPAJ bhala Dok VA3; ukoll vettura Mitsubishi Pajero CGV021 bhala Dok VA4.

Aktar tard ezebixxa wkoll mandat ta' arrest mahrug mill-Magistrat Inkwirenti bhala Dok Av (folio 396).

**PS 1086 Johann Micallef** xehed fuq l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat. Qal illi lemhu lil Freddie jirkeb Pajero KBL616 u telaq minn fuq il-post. Ftit minuti wara raw lil huh Rodrick f'Pajero iehor, issa CVG021. Qal illi ftit minuti wara harget mart Freddie – Diane, illi giet imwaqqfa. Qal illi meta bdew

jistaqsuha kinx hemm xi hadd gewwa, bdiet twegibhom "*Issa tkunu tafu!*" Jghid is-Surgent illi hu bi zball ghalaq il-bieb tar-residenza. Qal illi baqghu jistennew lil Freddie jirritorna lura, pero f'daqqa wahda raw purtella tinfetah u warajha kien hemm iz-zewg imputati. Qal illi Freddie beda jghidilhom hafna kliem oxxen u joffendiehom, waqt illi jghidilhom ukoll diskors bhal "*Ma qbadtunix!*"
Zied dan ix-xhud illi Freddie f'idu kellu borza bajda li beda jxejjer. Zied jghidilhom illi kif ikun lest kien ser jifthilhom. Qal illi kkonstata liz-zewg karozzi misjuqa mill-ahwa kienu hemm ipparkjati, regghu fethu l-purtella u seta' jara huggiega tan-nar fuq wara. Qal illi xi tliet kwarti, siegha wara, fetah il-bieb, dahlu fir-residenza PS 579 u ohrajn li bdew bit-tfittxija. Qal illi hu fil-bitha ra borma b'affarijiet mahruqin. X'hin ra s-CCTV, Freddie Delia qallu d-diskors fuq l-istess hawn fuq riprodott. Zied dan il-pulizija li hdejn il-bieb instab xi trab abjad li gie migbur. Qal illi ghalih dan kien trab li waqa' x'hin Freddie beda jxejjer il-borza.

**PC 1319 Matthew Xuereb** minn naha tieghu qal illi gie kkunttattjat minn PS 1086 biex imorru jeskortawh. Ghalhekk marru jistenew lil Freddie Delia. Qal illi hin minnhom infethet il-purtella minn gewwa d-dar tieghu, u beda juza kliem dispreggattiv lejn il-pulizija. Qal illi beda jghidilhom li hemm kienet, pero ma kinux ser johduha. Qal illi ghaddew fuq tliet kwarti, imbaghad fethilhom. Meta dahlu qallhom illi setghu jfittxu kemm iridu. Innutaw li kien haraq kollox, anke l-mizien. Qal illi sabu wkoll ghoxrin Ewro (€20) mrembla.

**PS 579 Antoine Micallef** ikkonferma li Delia minn gor-residenza tieghu beda jimpikahom u jkellimhom hazin, illi d-droga kienet gewwa pero ma kinux ser johduha. Rah iferfer borza f'idu bi trab abjad minn wara l-purtella. Qal illi xi hin

wara l-ewwel hareg Rodrick u mar ghand il-pulizija minghajr rezistenza; ftit wara hareg warajh Freddie li qallhom illi setghu jidhlu ghax kien haraq kollox. Xehed dwar l-ghoxrin Ewro (€20) mrembla. Zied illi minn wara l-bieb ingabar anke trab abjad suspettat droga. Dwar il-cameras mal-bieb, Freddie nfurmahom li l-cameras ma kinux jirrekordjaw imma kienu ntizi ghall-pulizija.

**PC 254**, ukoll prezenti ghat-tfittxija, ikkonferma wkoll illi ra lil Freddie bil-borza f'idejh jghajjat u jisfida lill-pulizija. Semghu ikellimhom hazin. Iddeskriva l-borza bhala wahda trasparenti - seta' jara dan mill-purtella, ghax kien quddiemha. Mistoqsi ghala, nonostante li kellhom il-warrant, ma sgassawx, qal illi hu ma kinx kapaci jisgassa bieb tal-hadid, apparti li skondtu gewwa kien hemm kelb aggressiv.

**PC 777 Chris Ebejer** ikkonferma li kienu waqqfu lill-mara ta' Freddie, pero ssakkru barra ghax issakkar il-bieb. Qal illi pero wara xi ghoxrin (20) minuta, Delia fetah il-purtella tal-bieb u beda jghajjat, jidghi u joffendiehom, jghidilhom illi ma kinux ser jiehdu d-droga. Qallhom ukoll illi jidhlu meta kien jghidilhom hu.
Qal illi meta nfetah il-bieb hargu mid-dar iz-zewg imputati.

Gew ezebiti wkoll ir-relazzjonijiet tal-esperti kollha nominati fl-Inkjesta, u f'din l-Istruttorja, senjalament dawk ta' Dr Martin Bajada dwar kontenuti telefonici, u tal-Analista Godwin Sammut dwar l-analizi tas-sustanzi ezebiti. Dan fil-fatt ikkonkluda hekk:
"

*a. Illi fl-estratti mehuda mill-irmied u l-oggetti li hemm fid-dokument 185_10_01 instabu s-sustanzi* ***kokaina*** *u* ***eroina****. Dawn is-sustanzi huma kkontrollati bil-Ligi taht*

*l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitiolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

b. *Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 185_10_02 ma nstabitx droga.*

c. *Illi fuq swab mehuda minn fuq l-€20 li hemm fid-dokument 185_10_03 instabet is-sustanza* ***kokaina****. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Fir-rigward tal-akkuzi ta' money laundering addebitati, xehed l-**Ispettur Antonovitch Muscat** dwar informazzjoni ta' hasil ta' flus fil-konfront ta' Alfred Delia u Mario Delia. Alfred Delia kien jigi missier l-imputati, Marco huhom il-kbir. Qal illi din l-investigazzjoni giet instigata in kwantu li Freddie u Rodrick kienu gew osservati mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga jaghmlu uzu minn vetturi li ma kinux registrati f'isimhom u li kienu ta' certu valur meta dawn ma kellhomx impjieg stabbli li kien jippermettilhom li jixtru dawn.

Dwar il-karozzi xehdu kemm **Brian Farrugia** kif ukoll **Stephen Cachia**, it-tnejn in rapprezentanza tal-ADT.
Irrizulta mix-xhieda ta' dawn, illi l-vettura PAJPAJ BMW ta' kulur griz kienet registrata fuq Alfred Delia mis-sena 2010. Vettura ohra registrata fuqu kienet Daihatsu Terios ta' kulur blue FBS152, dan mis-sena 2006. BMW ohra, Z4, ta' kulur silver kienet registrata fuq Diane, ukoll kienet registrata fuq Alfred Delia mis-sena 2010
Vetturi ohrajn irrizultaw registrati fuq certu Marco Delia u certu Joan Spiteri.

Fil-konfront ta’ dawn il-vetturi **Gaetano Fenech** xehed illi dan kien biegh xi karozzi lil Alfred Delia, gharfu fl-Awla bhala Freddie. Xehed illi bieghlu BMW Z4 u hallsu kontanti s-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf Ewro (€24,000). Tahomlu skondtu Alfred il-kbir.

Kif inghad aktar ‘il fuq, gew ezebiti diversi stqarrijiet, fosthom dawk tal-imputati, it-tnejn guramentati.

**WPS 12 Andrea Grech** xehdet fil-konfront ta’ dawk tal-imputati, fil-fatt hi kienet xhud taz-zewg stqarrijiet, Dok VA u Dok VA1.

**Dr Joseph Mifsud** nominat ghal dan l-iskop, prezenta l-compodium tal-assi li kellhom f’isimhom iz-zewg imputati.

Kif gia’ inghad gew ezebit diversi xhieda guramentati dwar bejgh ta’ droga minghand l-ahwa Delia. Dawn ovvjament ittellghu jixhdu.
*A priori* l-Qorti tghid - u dan anke ghax kellha l-opportunita’ tapprezza d-‘*demeanour*’ taghhom fuq il-pedana, illi mhux kollha kienet veritjiera meta telghu jixhdu quddiem din il-Qorti.

**Mark Cassar** fl-istqarrija guramentata ezebita a folio 58, qal illi kien qed jikkonferma l-istqarrija fl-intier taghha. Gharaf ukoll ir-ritratt ta’ Freddie l-Pajpaj, ezebit fil-proces verbal bhala Dok JB2 folio 11 (later 69).
Fl-istqarrija qal illi hu ma kinx jahdem, il-laqam tieghu kien is-Sunny, kien il-laqam tal-familja. Kien ilu jabbuza mid-droga ghal erba’ (4) snin, droga eroina. Dwar il-pakkett illi nstab fuqu bi trab kannella meta gie arrestat, wiegeb u qal illi filgodu tal-istess gurnata, ghall-habta tal-ghaxra u nofs, kien

mar hdejn id-dar ta’ Fredu, habbatlu l-bieb u hareg idu. Meta fetah il-bieb l-ewwel hadlu l-flus, staqsieh x’ried. Qallu li ried nofs, dan rega’ dahal, ghalaq il-bieb u mar gablu gramma ta’ dak li skont ix-xhud ried. Qal illi hu telaq minn hemm, waqqfuh il-pulizija u sabulu l-pakkett li kien ghadu kif xtara.
Kien ilu jaf lil Freddie ghal madwar xahar. Sar jaf bih gewwa l-bandli. Dan Feddie kien bil-Pajero f’Haz Zabbar stess. Bdew jitkellmu. Qallu li kien lest jaqdieh. Qal illi kien imbaghad inqeda minghandu xi jumejn, tlitt ijiem wara. Cempillu la kellu n-numru li kien tahulu zmien zmien qabel. Inqeda minghandu. Qal illi kien jinqeda mid-dar tieghu, kien imur ghandu darba fil-gimgha.
Zied illi ghall-bidu kien icempillu lil dan Freddie u beda jinsisti hu mieghu li jmur jinqeda minn daru. Kien jixtri minghandu biss eroina.
Iddeskriva lil Freddie bhala wiehed ftit twil u li kellu Pajero, li kien joqghod Haz Zabbar, li kien joqghod hdejn it-Tabib Cassar Delia.
Spjega li kien jinqeda minghandu, darbtejn kuljum, qisu gramma kuljum, filghodu u filghaxija.
Qal illi gieli zammlu  ghoxrin Ewro (€20) ghal pakkett, gieli tlietin Ewro (€30), ta’ nofs gramma.
Dejjem dan Freddie qdieh mid-dar tieghu. Dan kellu l-laqam tal-Pajpaj. Qal illi hu qatt ma kien inqeda minghand Rodrick. Qal illi meta beda jiehu d-droga regolari, qabad ma’ dan Freddie, beda jixtri minghandu b’mod regolari.

Viva voce, issa wara li l-proceduri tieghu ghaddew in gudikat, qal illi hu lis-Sur Borg, allura lill-Ispettur, kien qallu kif kien jara l-kaz.
Qal illi hu kien qed jixtri droga eroina. Qal issa li fil-fatt kellu zball, illi kien jixtri minghand Rodrick mhux minghand Freddie – dan ghax ma kinx jafhom sew. Wera lill-Qorti lil

Rodrick Delia, u qal illi kien ihabbat jekk jara l-karozza barra r-residenza, kif kien qallu dan Delia. Qal illi dakinhar li nqabad hu kien xtara bis-somma ta' tletin Ewro (€30) jew erbghin Ewro (€40) droga.
Qal illi kien ilu jiehu droga ghal madwar erba' (4) snin.
Qal viva voce li kien jixtri minghand Rodrick, pero mhux dejjem minghandu, pero rega' kkonferma r-ritratt li gie muri fl-istqarrija, Dok JB2 a folio 69.
Ikkonferma wkoll illi ma' Rodrick Delia kien ghamel hames (5) snin skola mieghu.
Mistoqsi issa minghand min kien qed jixtri d-droga, rega' semma lil Freddie. Meta rega' pero wera lil Rodrick, il-Qorti gibditlu l-attenzjoni li dak kien Rodrick li suppost kien l-iskola mieghu.
Mistoqsi dwar il-Pajero u lil min kienet tappartjeni, wiegeb illi din kienet ta' Rodrick ghax hu kien ikun biha.

Minn naha tieghu **Oscar Cassar** ukoll igguramenta l-istqarrija. Ghalhekk f'dan l-istadju inizzjali xehed bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti li hu ma kinx jahdem. Qal illi hu kien addict ghall-coke u ghall-heroin. Qal illi ghall-heroin kien ilu addict, pero l-kokaina kien qabadha dan l-ahhar.
Qal illi bhala smack, il-bicca l-kbira kien jixtrieha mill-pitch tal-Fgura, semma nies illi kien jixtri d-droga minghandu, fost dawn semma lil Rodrick il-Pajpaj minn Haz Zabbar. Qal illi minghand dan kien xtara xi erba' (4) darbiet jew hames (5) darbiet. Kien ilu xahrejn (2) jixtri minghand dan, dejjem kokaina. Qal illi kien jixtri pakkett ta' ghaxar Ewro (€10) fil-gimgha. Qal illi fuq il-mobile tieghu kellu Pajpaj bin-numru 79920835.
Quddiem il-Magistrat Inkwirenti kkonferma z-zewg stqarrijiet fl-intier taghhom.

Issa dan ingab jixhed ukoll vica voce. Issa qal illi l-proceduri kontra tieghu kienu ghaddew in gudikat. Ftakar illi l-Ispettur Fenech kien investigah fuq droga, kokaina.
Mistoqsi jekk meta kellem lill-Ispettur kinx qallu li jixtri, wiegeb illi dakinhar kien ibati minn depression. Qal illi dak li wiegeb dakinhar - allura fl-istqarrija, qalu biex jehles biex jitlaq lejn id-dar.
Mistoqsi minghand min minnhom, wiegeb illi kien minghalih li minghand iz-zghir, ipponta lejn l-imputat, pero zied illi ma kinx jaf x'jismu.
Infakkar mill-Ispettur li anke kien mar ikellmu ghax kien gie gie mhedded minn certu Marco Delia biex joqghod attent u ma jixhidx, ikkonferma li hu kien irrilaxxa l-istqarrija u li ffirma l-istess.

Xhieda guramentata ohra prezentata hija ta' certu **Rodney Fenech**. F'dan l-istadju spjega li kien jirregistra, li kellu l-vizzju tad-droga kokaina, u li kien jiehu b'hamsin Ewro (€50) fil-hmistax. Qal illi kien ilu hames (5) snin jiehu din id-droga. Zied illi qabel kien anke jiehu l-eroina.
Hawn xehed illi kien jakkwista d-droga minghand varji perusni u semma isimhom.
Qal fost l-ismijiet li semma minghand min kien jixtri d-droga, li gieli anke xtara minghand Rodrick il-Pajpaj. Qal illi minghand dan kien xtara xi sena u nofs qabel u dam jixtri minghandu xi tliet (3) gimghat. Qal illi kien jixtri qisu tliet (3) pakketti ta' ghaxar Ewro (€10) bl-eroina fil-gimgha. Qal illi dak iz-zmien dan il-Pajpaj kellu Pajero iswed. Kien jaqdieh mill-venda ta' Haz Zabbar.

Xhieda ohra guramentata prezentata hija ta' certu **Duranovic Coreschi**. Fl-istadju quddiem il-Magistrat Inkwirenti dan qal

illi filghodu tal-gurnata li gie mwaqqaf, kien cempel lil Rodrick maghruf bhala l-Pajpaj sabiex jinqeda ghall-smack minghandu. Qal illi qallu dan il-Pajpaj illi kellu jmur Bulebel fejn is-showroom ta’ Debono. Sab lift u wassluh hemm. Qal illi ghamel kwarta jistenna u gie dan Rodrick il-Pajpaj. Kien qed isuq Pajero ta’ kulur ahdar skur. Jghid illi mar hdejn it-tieqa tax-xufier, tah ghoxrin Ewro (€20) u dan tah borza zghira trasparenti li kien fiha l-eroina. Qal illi meta waqqfuh il-pulizija, bela’ l-borza li kien ghadu kif xtara.
Qal illi kienet it-tieni darba li kien xtara droga minghand il-Pajpaj, l-ewwel darba s-Sibt ta’ qabel. Qal illi ried jixtri l-smack, tawh in-numru tal-Pajpaj. Qallu biex jiltaqghu Bulebel. Mar dan fejn qallu u tah ghoxrin Ewro (€20) u tah borza bhal ma kien xtara meta gie mwaqqaf.
Qal illi minghand Rodrick kien jixtri heroin. Qal ili fuq il-mobile tieghu, in-numru ta’ Rodrick kien imnizzel bhala Jackie.

Vica voce anke kkonferma li l-kawza tieghu kienet ghadha mhix deciza mill-appell, pero xorta ghazel illi jixhed.
Qal illi gie maqbud bid-droga eroina. Qal illi ghamel programm pero kien relapsed. Qal illi hu nqeda minghand persuna u qabduh il-pulizija. Qal illi xtara smack. Qal illi xtara minghand Rodrick bil-laqam tal-Pajpaj. Qal illi ddobba n-numru tieghu minghand xi nies. Qal illi cempillu u nqeda, inqeda mill-eroina li xtara versu l-prezz ta’ ghoxrin Ewro (€20) ghal borza zghira. Ikkonferma li n-numru li nizzel fuq il-mobile tieghu kien bhala Jackie. Qal illi din il-persuna li tatu d-droga kien ilu jafha xi ftit qabel, u li marret tiltaqa’ mieghu biex taghtieh id-droga b’karozza. Indika lil Rodrick Delia bhala din il-persuna. Ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija guramentata.

**Mark Anthony Ellul** ukoll irrilaxxa stqarrija guramentata. Fiha qal illi kien jixtri d-droga minghand Rodrick jghidulu l-Pajpaj. Qal illi dan kellu karozza Hyundai Accent b'daqqa fuq il-bonnet. Ta l-mobile number tieghu. Qal illi dan kien joqghod Haz Zabbar. Minghandu nqeda kemm ghall-eroina u kif ukoll ghall-kokaina. Qal illi kien ilu jixtri minghand dan xi xahrejn (2) jew tlieta (3). Qal illi kien jixtri pakkett ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25) eroina, u pakkett ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25) kokaina. Muri ritratt Dok I, ikkonferma li dak kien Rodrick l-Pajpaj.
Viva voce, wara li gie ghal diversi drabi mwissi mill-Qorti li hu kien inqabad ma' Kenneth Ellul bil-coke, ikkonferma dak illi qal illi dik il-coke kien xtraha minghand il-Pajpaj illi ndika bhala l-ko-imputat Rodrick Delia.
Moqrija lilu l-istqarrija, ikkonfermaha.

Qal in kontro ezami illi fil-fatt droga xtara minghand iz-zewg imputati.
Ikkonferma illi l-pulizija wrietu biss ritratt wiehed – dak ta' Rodrick.
Baqa' jinsisti li jikkonferma l-kontenut tal-statement, anke li minghand Rodrick kien jinqeda anke certu Kenneth Ellul.

Ikkunsidrat:

Mis-succint tax-xhieda prodotta fir-rigward ta' dawk li rrilaxxaw stqarrija guramentata fil-konfront ta' xiri ta' droga minghand Rodrick u Freddie Delia, u s-susegwenti xhieda taghhom quddiem din il-Qorti, irrizulta wkoll incident li fuqu xehdu kemm ufficjali tal-pulizija kif ukoll membri tal-SRT.

Ghalhekk l-**Ispettur Dennis Theuma** xehed dwar incident li nqala' wara li ddepona Mark Anthony Ellul qabel ma gie

appartat minn din il-Qorti. Hawn Ellul kien qal, u l-Qorti hasset illi ma kinx qed ikun veritjier u taghtu diversi twissijiet dwar dan, illi hu mhux vera kien inqeda minghand il-Pajpaj; illi kien qal hkek ghax beza' u haseb illi b'hekk jigi appartat. Anzi, qal ili mhux vera xtara minghand il-Pajpaj.

Qal illi l-pulizija wrewh ritratt wiehed, u qallhom iva.
Qal illi kull ma kien jaf fuq dan il-bniedem kein li kien isuq Hyundai. Baqa' jinsisti li qatt ma nqeda minghandu. Hawn fil-fatt hu gie appartat.

Ghalhekk dwar l-incident illi nqala' wara xehed l-**<u>Ispettur Dennis Theuma</u>**. Qal illi hu kien flimkien mal-Ispettur Pierre Grech gewwa l-Lock-Up. Mar hu biex itella' persuna ta' nazzjonalita' Egizzjana. Ra lil PS Oscar Baldacchino skorta ma' xi nies u ma' certu Mark Anthony Farrugia, li kien jaf ghax kien hemm okkazjonijiet fejn investigah.
Hass, ghax sema' li kien gie appartat, illi kellu jfakkru li kien bil-gurament u kellu joqghod attent mill-konsegwenzi legali.
Qal illi hin minnhom minn wara s-section fejn kien hemm l-imputati, sema' lil Delia Freddie jghidlu u jghajjat li ma kellux jindahal "*Tippruvax iddawwar diskors!*" Beda jzid fl-ghajjat. Mieghu inghaqad huh.
Qal illi beda jikkalmahom anke l-Ispettur Pierre Grech.
Sema' anke lil Freddie Delia (li f'dan l-istadju tax-xhieda ta' Ellul, kellu b'ordni tal-Qorti jinhareg mill-Awla), jhedded lis-Sur Pierre Grech, u jghajru korrott ripetutament. Beda jghid illi kellu flus biex jordom anke lilhom. Kompla ma' dan anke Rodrick Delia. Skondtu saru t-tnejn aggressivi.
Qal illi hu kellem lil Mark Anthony biss ghax hass obbligu li dan kellu jghid il-verita' taht gurament, u li ghamel dan quddiem u fil-presenza ta' persuni ohra, tant illi kemm

Rodrick kif ukoll Alfred, minn cella ohra setghu jaraw dan kollu.

L-**<u>Ispettur Pierre Grech</u>** dwar dan l-incident ukoll xehed illi kien gewwa l-Lock-up biex itella' xi imputat. Sema' hawn lill-Ispettur Dennis Theuma jitkellem ma' persuna, u lil Freddie Delia li beda jkellem lill-Ispettur Dennis Theuma b'mod dispreggattiv. Mar isikktu u dan Delia beda jghajjat anke mieghu, jinsulentah waqt li kompla jinsulenta lill-Ispettur Theuma. Gew tawhom l-assistenza tal-SRT. Xehed ukoll illi dahal fin-nofs Rodrick Delia, anke hareg idu minn bejn il-bars u laqat lill-Ispettur. Zied illi Freddie Delia beda jghajru korrott, qallu wkoll illi kellu flus kemm irid, anke biex jordmu.

**<u>Christopher Azzpardi, SRT</u>**, xehed illi l-Ispettur Pierre Grech talabhom jifthu c-cella ha jkellem lil Freddie, u meta qabad idejn Freddie dan beda jghajjat "*Tmissunix!*" Qal illi baqghu jghajtu ma' xulxin. Ikkonferma li dan beda jghajjar lill-Ispettur Pierre Grech korrott.

**<u>CO 110 John Callus</u>** minn naha tieghu, ikkonferma li nqala' ncident bejn inmate u Spettur, sema' lil xi had jghid id-diskors "*Jekk timxi ta' ragel maghna*", u l-kelma "*korrott*".

Rat ukoll l-istqarrijiet li rrilaxxaw l-imputati – Dok VA hija dik ta' Rodrick Delia, fiha ghazel illi ma jwiegeb ghall-ebda domanda; l-istess Freddie Delia kif jidher mid-Dok VA1.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser tibda biex teskludi kull dubbju li seta' nqala' fil-konfront tal-istqarrijiet guramentati prezentati.

Kif gia' rrizulta, varji minn nies li ttellghu jixhdu viva voce – Mark u Oscar Cassar, Rodney Fenech, u Mark Anthony Ellul, fil-bidu biddlu l-verzjoni taghhom bi skuzi bhal li gew imgieghla, li l-Ispettur Fenech poggielhom f'halqhom id-diskors, min kien sick u qal li rieduh jghid il-pulizija, min tfixkel lil Freddie ma' Rodrick, nonostante identifikazzjoni tal-persuna f'ritratt – insomma, skuzi patetici bhal dawn, biex b'hekk jintilef l-effett ta' dak minnhom gia' guramentat quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Mark Anthony Ellul gie sahansitra appartat, u biss wara ddecieda li jghid il-verita'. Ta' importanza f'din il-konsiderazzjoni hija r-reazzjoni tal-imptutati meta l-Ispettur Theuma fakkar lil Mark Anthony illi kien qed jixhed bil-gurament. Xhud minnhom sa qal illi anke gie mhedded u avvicint minn Marco Delia - hu l-imputati, dwar ix-xhieda tieghu. Fil-fatt din il-Qorti, li kellha l-vantagg kbir u opportunita' tara lil dawn ix-xhieda fuq il-pedana, tara d-'*demeanour*' taghhom, u l-komportament taghhom, dan anke in linea mal-Artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bla tlaqlieq hija konvinta li dawn ix-xhieda xi hin gew avvicinati biex b'hekk jibdlu l-verzjoni taghhom – konsegwentement tqis illi fil-fatt kienu veritjieri meta ddeponew quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Qieset ghalhekk illi minn naha tieghu **Mark Cassar** xehed illi hu xtara droga minghand Freddie Delia, eroina. Kien ilu jafu skondtu madwar xahar. Ghalih Rodrick - li kien jaf mill-iskola, ma kinx ibiegh droga. Dan ghamel l-istqarrija fl-**1 ta' Marzu, 2010**.

**Oscar Cassar** indika li kien ilu jixtri d-droga minghand Rodrick ghall-ahhar xahrejn (2). Xtara bejn erba' (4) u hames (5) darbiet minghandu. Xtara kokaina. L-istqarrija ttiehdet fis-**27 ta' Frar, 2010**.

**Rodney Fenech** ukoll xehed illi xtara minghand Rodrick il-Pajpaj, qal illi kien xtara sena u nofs ilu. Dam jixtri minghandu xi tliet (3) gimghat, tliet (3) pakketti ta' ghaxar Ewro (€10) eroina fil-gimgha. L-istqarrija tieghu hija datata **27 ta' Frar, 2010**.

**Duranovic Coreschi** fl-istqarrija datata l-**1 ta' Gunju, 2010**, qal illi kien jixtri minghand Rodrick il-Pajpaj smack, ghoxrin Ewro (€20)-il borza. Qal illi kien xtara darbtejn (2) minghandu, l-ewwel darba s-Sibt ta' qabel ma nqabad. Kien jixtri l-eroina.

**Mark Anthony Ellul** li rrilaxxa l-istqarrija nhar l-**4 ta' Marzu, 2009**, qal illi wkoll kien jixtri minghand Rodrick il-Pajpaj – kokaina u eroina, ghal xahrejn (2) jew tlieta (3) qabel.

Irrizulta wkoll mid-dokumenti li analizza Godwin Sammut - tenut kont anke tad-diskors illi l-istess Freddie Delia minn jeddu beda jghid lill-pulizija illi kien haraq is-sustanza, anzi haraqha biex huma ma jsibu xejn, illi fil-fatt l-irmied kien fih tracci ta' kokaina u eroina. Fid-dar tieghu nstabet ukoll tracci ta' kokaina fuq ghoxrin Ewro (€20) rrumblata. Bla dubbju ta' xejn, kemm Freddie Delia kif ukoll Rodrick kienu ben konsapevoli li barra jistennewhom kien hemm il-pulizija!!

Harsa wkoll lejn l-analizi telefonici kif maghmula minn Dr Martin Bajada turi b'mod car u lampanti l-involviment ben

ingranat u filtrat tal-imputati fil-forniment u traffikar tad-droga ghal zmien twil.
Hawn il-Qorti taghmel ampja referenza ghal dokument MB. Harsa lejn il-messaggi estratti turi mera cara ta' dan - prova ohra jekk qatt kien hemm bzonn izjed minn dan!

Jirrizulta wkoll illi dawn iz-zewg imputati huma t-tnejn dizokkupati, anzi msieken jghixu bil-beneficcji socjali settiminali ta' wiehed u disghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€91.55), isuqu diversi karozzi lussuzi, li b'kumbinazzjoni aktar huma registrati fuq isem missierhom u huhom (ara compodium tal-assi ezebiti bhala Dok JM).

Tal-ghageb izjed kif bniedem bhall-imputat Freddie Delia li jghix b'din is-somma irrizorja msemmija, jixtri minghand certu Gaetano Fenech, sahansitra xejn anqas minn BMW Z4, u hallsu ta' din bi flus kontanti ghas-somma ta' erbgha u ghoxrin elf Ewro (€24,000). Din biex tissemma karozza wahda li tintuza mill-imputat, **<u>pero</u>** mhux registrata fuq ismu.

Xejn minn dan kollu mislut u ezaminat ma jhalli l-icken jew ebda dubbju f'mohh il-Qorti x'kien is-sors tal-qliegh taz-zewg imputati - dan bil-perjodi stipulati fl-akkuza, ghalhekk iwassal ghall-konkluzjoni li fil-fatt u bla dubbju kull akkuza ta' droga fil-konfront taghhom, kif ampjament u bla dubbju pruvata.

Il-Kontro Ordni mibghuta fil-konfront taz-zewg imputati hija fil-konfront ta' reati naxxenti taht il-Kapitoli 31, 101 u 373 – ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta.

Bla dubbju ta' xejn ukoll, l-akkuzati kienu fil-pussess ta' diversi vetturi gia' ezebiti mill-Ispettur Victor Aquilina, li verament ma kinux registrati fuq isimhom, Dok VA3 u Dok

VA4, pero mix-xhieda jirrizulta li kienu ampjament uzati minnhom.

Xtraw anke vetturi lil terzi, Freddie Delia bi flus li suppost ma jaqlax!!

Illi ghalhekk, bla dubbju wkoll ta' xejn, huma b'azzjoniethom huma wkoll hatja ta' dak prospettat dwar il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawn il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 2(2)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra hekk:
"*Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' money laundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti.*"

Certament kif gie espost, il-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib aktar minn ampja prova biex jigi pruvat ir-reat sottostanti, aktar minn prova cirkostanzjali zgur!!

Il-Kapitolu 373 imsemmi fl-Artikolu 3(3) u tieghu jaghmel appliabbli ghar-reati ta' hasil ta' flus, l-Artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

"*Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà*

*jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.*"

Certament ukoll ma giet moghtija lill-Qorti ebda spjegazzjoni ta' kif dawn il-vetturi misjuba ghand l-imputati kienu fil-fatt fil-pussess taghhom, tant iehor ma nafux kif imputat minnhom hallas erbgha u ghoxrin elf Ewro (€24,000) biex jixtri BMW Z4.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi tali vetturi ghandhom fil-fatt jigi konfiskati, u hawn qed taghmel referenza ghall-vetturi bir-registrazzjoni PAJPAJ tal-ghamla BMW, Mitsubishi Pajero CGV012 (Dok VA3 u Dok VA4).

Del resto, ebda wiehed mill-imputati ma offra ebda spjegazzjoni ta' kif dawn kienu ghandhom sal-grad tal-probabbli.

Ghalhekk tqis illi dawn il-vetturi huma soggett ghall-konfiska taht l-Artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ukoll il-Qorti x-xhieda ta' Jean Cali, Joanna Farrugia, u Mario Zahra, liema xhieda l-Qorti ser tikkonsida

biex tkun tista' ahjar tikkalibra l-piena darba li sabet htija tal-akkuzi.

**Jean Cali** tat informazzjoni fis-sena 2011, illi Freddie Delia kien imur ghal '*individual sessions*' kull gimgha, ihalli '*urine samples*' li dejjem irrizultaw '*clean*'. Dan dejjem qieghda tixhed bhala rapprezentanta tal-Caritas. Qalet ukoll illi minn Dicembru 2013 ma kellhomx kuntatt mieghu minn Awwissu minhabba xoghol. Xehdet illi kien rega' rrizulta posittiv ghall-eroina.

**Mario Zahra** in rapprezentanza tal-Habs, ghal illi f'Awwissu, 2011 Rodrick Delia fil-Habs, fejn kien miexi normali – qal illi dan kien attiv sportivament.

**Joanna Farrugia** fil-konfront ta' Rodrick Delia qalet illi kienet qed issegwieh fuq Probation Order, Supervision, tul proceduri ohra quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Qalet illi issa kienet qed tara kambjament f'Rodrick li kien qed juri determinazzjoni illi jeghleb il-vizzju tad-droga, tant illi r-'*randon urine tests*', taw rizultat fil-pozittiv. Kellu anke xoghol u kien stabilizzat f'hajtu. Qalet illi ghalkemm kien konxju li seta' jehel il-Habs, kien issa qed jahdem fuq il-problema. Sahhet kemm issa kien jiehu hsieb sahhtu!

Fil-kalibrar tal-piena, hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawza fl-ismijiet "***The Republic of Malta vs Rita Bugeja***" deciza nhar it-23 ta' Ottubru, 2014. Qalet b'referenza ghal dak gia'

citat fil-kawza fl-ismijiet "***Ir-Repubblika ta' Malta vs Basam Mohamed Gaballa Ben Khial***":

"***15. In Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial,*** *decided by this Court differently composed on the 19th February 2004, it was said:* ***"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluża importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħa fil-għoti tal-piena, basta, sintendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara fdan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem)."*** *In fact in* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem,*** *it was said****: "Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena… S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent, tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi.***"

Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li sabet htija tal-akkuzi addebitati fil-konfront ta' Freddie u Rodrick Delia, wara li rat GN 292/1939; L.S. 101.02 Regolament 9; ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 u l-Ewwel Skeda tal-Imsemmi Kapitolu; kif ukoll l-Artikoli 22(1B), 22(2)(b), 22(1C)(b) ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 2, 2(2A), 2(3)

tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta – ilkoll tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Qieghda tikkundannahom kull wiehed ghal piena karcerararja ta’ erba’ snin u nofs (4 ½) kull wiehed; u ghal multa ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000) kull wiehed, u dan wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat anke l-fedina penali. Il-Qorti zammet f’mohhha hawn ukoll l-imgieba taghhom qabel ma saret it-tfittxija, jekk mhux ukoll xi drabi fl-Awla, (fil-bidu ta’ dawn il-proceduri), b’mod partikolari x’hin iddeponew l-akkwistanti minghandhom.

Tordna wkoll il-konfiska tal-vetturi kif gia’ msemmija u cioe’ tal-Pajero CGV021 u BMW PAJPAJ, wara li rat l-Artikoli 22A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta; l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta’ tliet mija u tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€382.20) u tal-mobiles tal-imputati ezebiti.

Tilliberah mill-akkuzi tal-attentat u komplicita’ taht l-Artikolu 41 u 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu tqis ir-reati kunsmati individwalment fil-kaz taz-zewg imputati.

Tilliberahom ukoll mill-akkuza tar-recidiva in kwantu ma gitx pruvata.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga KB 383.2010.

Tikkundannahom ukoll ghall-hlas ta’ spejjez peritali fl-ammont ta’ erbat elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sebgha centezmi (€4,494.07) pagabbli, porzjon ugwali bejniethom, cioe’ elfejn mitejn u sebgha u erbghin Ewro u erba’ centezmi (€2,247.04) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------